MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1147/2003

**Vincent Abdilla**

**Vs**

**Raymond Zahra**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ Lm338.25c (tliet mija u tmienja u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rappresentanti l-valur tal-hsarat u danni ohra kkagunati fil-vettura tal-attur Opel Astra NFS 200 misjuqa minn ibnu Manwel Abdilla f’incident stradali li sehh il-Gzira nhar is-16 ta’ Awwissu 2002 f’habta li saret ma vettura Isuzu numru JOE 881 misjuqa mill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie ppresentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lill-attur li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm338.25c (tliet mija u tmienja u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------